VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,960, 28 ta' Awwissu, 2012
Taqsima B

A.L. 279 tal-2012

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Ħarifa tal-2012 u fix-Xitwa tal-2013)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont ir-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Ħarifa tal-2012 u fix-Xitwa tal-2013).

Tifsir.

L.S. 504.71

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa tal-għasafar taħt ir-regolament 10(6)(t)(i) u (iii) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura stabbilixxa:

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2012, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013.